MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 69/2013

**A B**

**vs**

**Dr. Paul Farrugia b'digriet tat-22 ta' Mejju 2013 gie nominat bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi hija zzewget f'Malta mal-intimat C D fit-8 ta' Ottubru 2000 u ghexu flimkien fid-dar matrimonjali fi Swieqi sakemm isseparaw *di facto* f' Marzu 2009. Minn dan iz-zwieg huma ma kellhom l-ebda tfal.

Illi r-rikorrenti u l-intimat zewgha ilhom separati *de facto* ghall-aktar minn erba' snin u inoltre, it-tnejn li huma jahdmu u m'hemmx kwistjonijiet ta' manteniment.

Illi z-zwieg ta' bejniethom tkisser irrimedjabbilment u ma hemm l-ebda possibilita` ta' rikonciljazzjoni;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet ghar-ragunijiet premessi;
2. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti veljanti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti u taqsam l-istess komunjoni f'zewg porzjonijiet, porzjoni assenjata lir-rikorrenti u porzjoni assenjata lill-intimat u dan jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi u dan taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni;
3. Tikkundanna lill-intimat sabiex jirritorna lir-rikorrenti l-affarijiet dotali u parafernali taghha;
4. Tapplika fil-konfront tal-intimat d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-digrieti taghha;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lil Dr Paul Farrugia, il-kuratur deputat, jiddikjara illi l-patrocinat tieghu ma kellu l-ebda oggezzjoni ghat-talba tal-attrici sabiex il-Qorti tiddeciedi l-ewwel talba tal-attrici stante illi huwa minnu illi il-kontendenti ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin u ma hemmx possibilita ta' rikonciljazzjoni bejniethom u ma hemmx pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Semghet lix-xhieda kollha illi tressqu;

Rat il-provi li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza dwar l-ewwel talba attrici;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi l-attrici irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi il-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin u hemm proceduri pendenti ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejniethom;

Illi il-Qorti rat illi l-attrici ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' l-ewwel talba, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall ta' zwieg bejn il-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez dwar din l-ewwel talba attrici jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet u tirrizerva illi tipprovdi fi stadju ulterjuri dwar it-tieni, it-tielet u ir-raba talbiet attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------